MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1132/2001/1

**Cornelius *sive* Maurice SCIFO DIAMANTINO**

**vs**

**MERIDIAN ENTERPRISES COMPANY LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Ġunju, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi bis-saħħa ta' skrittura ffirmata fl-1 ta' Ġunju 1992 (Dokument "A"), l-attur akkwista vettura tal-marka Hyundai S Coupe bin-numru tar-reġistrazzjoni numru EBC-218 mingħand is-soċjeta' konvenuta;

Illi fit-23 ta' Diċembru 2000, l-imsemmija vettura waqfet tiffunzjona u l-esponent kien kostrett għalhekk illi fis-27 ta' Diċembru 2000 jittowja l-vettura fil-garaxx tas-soċjeta'

konvenuta fejn, wara l-istħarrig li sar, irriżulta li l-imsemmija vettura kienet affetta b'difett latenti fl-*electronic control system*, liema difett irrenda l-vettura mhux tajba għall-uzu illi għalih inxtrat;

Illi s-soċjeta' konvenuta rrifjutat li tirrimedja dan id-difett a spejjeż tagħha, u meta mitluba tagħti stima tal-ispiża involuta sabiex tirrimpjażża l-*electronic control system* difettuża b'waħda ġdida, ikkwotat prezzijiet differenti lill-attur;

Illi sal-lum l-imsemmija vettura għadha fil-pussess tas-soċjeta' konvenuta illi, minkejja interpellata diversi drabi mill-attur anke permezz ta' ittra uffiċjali fit-28 ta' Frar 2001, baqgħet ma ezegwietx ix-xogħol neċessarju fuq il-vettura sabiex tirrendiha fi stat tajjeb għall-użu mill-attur;

Illi minħabba l-inadempjenza tagħha, is-soċjeta' konvenuta rrendiet ruħha responsabbli għall-ħlas ta' danni, in linea ta' kumpens u telf ieħor, soffert mill-attur għall-perijodu sħiħ illi fih huwa kellu joqgħod mingħajr il-vettura tiegħu;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-vettura tal-marka Hyundai S Coupe bin-numru tar-reġistrazzjoni numru EBC-218 mixtrija mill-attur mingħand is-soċjeta' konvenuta fl-1 ta' Ġunju 1992, hija affetta b'difett latenti fl-*electronic control system* tal-istess vettura illi l-attur sar jaf biha f'Diċembru 2000 u liema difett jirrendi l-istess vettura fi stat li ma hix tajba għall-uzu li għaliha inxtrat mill-istess attur;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti u okkorrendo taħt id-direzzjoni u supervizjoni ta' esperti nominandi, tirrimpjazza l-*electronic control system* fl-

imsemmija vettura, għas-spejjeż tal-istess soċjeta' konvenuta u taħt dawk il-kundizzjonijiet illi din il-Qorti jidhrulha xierqa;

3. Minn issa tawtorizza lill-attur sabiex, fil-każ illi s-soċjeta' konvenuta tibqa' inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-ordni mogħti lilha minn din il-Qorti, jitlob l-esekuzzjoni ta' l-istess xogħol ta' rimpjazzar f'garaxx awtorizzat tal-vetturi tal-marka Hyundai u dana a spejjeż tas-soċjeta' konvenuta u taħt id-direzzjoni u supervizjoni tal-istess esperti nominandi u taħt dawk il-kundizzjonijiet illi din il-Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi;

4. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta li tħallas lill-attur dik is-somma illi tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-operat ta' esperti nominandi, in linea ta' danni konsistenti fit-telf ta' użu u telf ieħor riżultanti mill-inadempjenza tal-istess soċjeta' konvenuta illi terga' tqiegħed l-istess vettura f'istat tajjeb għall-użu li għaliha inxtrat mill-attur; u dan prevja dikjarazzjoni illi s-soċjeta' konvenuta hija responsabbli għall-istess danni sofferti mill-attur kif hawn fuq spjegat;

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Frar 2001 u tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Frar 2001, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra uffiiċjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-soċjeta' konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni;

B'rizerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-attur skond il-liġi kontra s-soċjeta' konvenuta, fl-eventwalita' illi l-vettura ma tiġix ritornata lill-istess attur fl-istat u kundizzjoni illi fiha ġiet ikkonsenjata fil-pussess tas-soċjeta' konvenuta fis-27 ta' Diċembru 2000;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-5 t'Ottubru, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni eżerċitata mill-attur hija legalment insostenibbli stante li f'każ ta' bejgħ ta' oġġett allegatament affett minn difett latenti, il-liġi tikkontempla biss żewġ rimedji u cioe' l-*actio redhibitoria* jew l-*actio aestimatoria*. Jidher ċar li dak li qed jitlob l-attur f'din il-kawża m'huwiex dak kontemplat fil-liġi u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;

2. Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għall-premess, il- vettura in kwistjoni ma hija affetta minn ebda difett latenti kif jista' jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża kemm il-darba dan ikun meħtieġ;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Rat id-Degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2002, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi kif proposta;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-27 ta' Frar, 2002[1], bis-sottomissjonijiet tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa fit-3 t'April, 2002[2], mill-attur bi tweġiba għal dik tal-kumpannija mħarrka;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

[1] Paġġ. 19 sa 24 tal-proċess
[2] Paġġ. 26-9 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-Nota ta’ Referenza mressqa mill-attur fil-5 ta’ Lulju, 2002[3];

Rat in-Nota ta’ Tweġiba mressqa mill-kumpannija mħarrka fl-20 t’Awissu, 2002[4];

Rat id-Degriet tagħha tas-17 t’Ottubru, 2002, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar difett mistur f’ħaġa mibjugħa. L-attur xtara karozza mingħand il-kumpannija mħarrka, u, xi tmien snin wara, waqfet taħdem. Meta ttieħdet għat-tiswija, ġie mgħarraf li kien hemm difett fis-sistema ta’ kontroll elettroniku tagħha. Huwa qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li l-karozza kienet milquta b’difett mistur, li l-kumpannija mħarrka tibdel l-imsemmi sistema bi spejjeż tagħha (jew jibdlu hu bi spejjeż tal-kumpannija mħarrka), u li l-kumpannija mħarrka tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab minħabba li ma setax isuq il-karozza;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li l-azzjoni kif imressqa mill-attur ma tistax titressaq għaliex f’każ ta’ difett mistur, ix-xerrej għandu biss l-għażla li jitlob il-ħall tal-bejgħ u l-ħlas lura lilu tal-prezz (l-*actio redhibitoria*) jew it-tnaqqis tal-prezz u jżomm il-ħaġa mibjugħa (l-*actio aestimatoria*). Dak li qiegħed jitlob l-attur, tisħaq il-kumpannija mħarrka, mhux dak maħsub mil-liġi. Fil-mertu, qegħda tgħid li ma kien hemm l-ebda difett mistur fil-karozza mibjugħa mlill-attur;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni;

---

[3] Paġġ. 33-5 tal-proċess
[4] Paġġ. 36-8 tal-proċess

Illi, kif jidher mill-verbal tal-avukati tal-partijiet waqt it-tieni smigħ, il-kwestjoni li għandha quddiemha l-Qorti llum hija waħda għal kollox legali, li dwaru ma kienx hemm għalfejn jitressqu provi ta' fatt. Il-bejgħ tal-karozza mhux kontestat[5]. Iż-żewġ partijiet ressqu noti studjati u argumentati tajjeb dwar dan l-aspett legali;

Illi l-kumpannija mħarrka tgħid li l-liġi tiddetermina liema azzjoni hija miftuħa lix-xerrej f'każ ta' difett mistur f'ħaġa mibjugħa. Dawn l-azzjonijiet huma rimedju speċjali mogħti lil hinn minn dawk ġenerali li jħarsu 'l-kuntratt tal-bejgħ[6]. Tgħid, għalhekk, li mhix imħollija għax-xerrej li jagħżel hu r-rimedju li jrid jekk il-ħaġa mixtrija ma tkunx tajba għall-użu li għalih inxtrat, jekk mhux xi wieħed mir-rimedji speċifikatament maħsuba. Hija tgħid li l-azzjoni tax-xerrej fuq il-garanzija (f'dan il-każ, dik dwar id-difetti mistura) ma għandhiex titħallat mal-azzjonijiet l-oħrajn miftuħa lix-xerrej taħt il-kuntratt tal-bejgħ. Tgħid li l-attur m'għażel l-ebda waħda miż-żewġ azzjonijiet miftuħa għalih, u għalhekk l-azzjoni li ressaq mhix mogħtija lilu f'każ bħal dan;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li l-kwestjoni waħdanija li teżisti bejnu u l-kumpannija mħarrka hija dwar jekk din għandhiex titqies responsabbli biex tibdel il-parti tal-karozza li rriżultat difettuża bi spejjeż tagħha. Huwa jgħid għalhekk li kull riferenza għall-azzjoni mnissla mill-garanzija hija irrilevanti. Huwa jtenni, madankollu, li meta ħaġa mibjugħa toħroġ difett li ma kienx jidher fil-waqt tal-bejgħ, ix-xerrej għandu għażla ta' rimedji mifruxin quddiemu. Dan jgħidu għaliex, kif isemmu ċerti awturi, l-azzjonijiet speċjali tal-garnazija huma <u>b'żieda ma'</u> r-rimedji ġenerali u mhux esklussivi għal dawn. Fuq din il-linja wkoll, l-attur isemmi xi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, wħud minnhom tal-aħħar żminijiet;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-azzjoni hija dik li l-attur jagħżel li jiftaħ. M'huwiex l-imħarrek li jiddeċiedi x'messha

---

[5] Ara l-ewwel paragrafu tad-Dikjarazzjoni ta' Alfred Formosa, għall-kumpannija mħarrka, f'paġ. 12 tal-proċess

[6] P.A. **16.1.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Scerri*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.855**)

kienet il-kawża li tressqet kontrih, sakemm tibqa' mħarsa l-kwestjoni dwar jekk ikunux jikkonkorru r-rekwiżiti meħtieġa mil-liġi għall-azzjoni magħżula[7]. Min-naħa l-oħra, meta attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid jerfa' r-responsabbilta' għal dik l-għażla, fis-sens li jeħtieġlu jressaq provi biex jissostanzjaha, u jrid jistenna wkoll li l-imħarrek jiddefendi lilu nnifsu fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa. L-azzjoni, kif inhu mgħallem b'awtorita', tiddependi mill-mod kif inhi mfassla. Huwa wkoll prinċipju ewlieni fil-qies li għandha tieħu l-Qorti tas-siwi ta' azzjoni mibdija f'Att taċ-Ċitazzjoni, li t-talbiet magħmulin mill-parti attriċi jintrabtu mal-premessi li jwasslu għal dawk it-talbiet;

Illi minn daqqa t'għajn ħafifa lejn l-Att taċ-Ċitazzjoni fil-kawża preżenti, joħroġ mingħajr l-iċken dubju li l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq id-difett latenti. Dan il-fatt joħroġ minn dak li jingħad fit-tieni premessa u fl-ewwel talba. Min-naħa l-oħra, huwa jitkellem dwar "inadempjenza" min-naħa tal-kumpannija mħarrka. B'żieda ma' dan, fin-Nota ta' Sottomissjoni tiegħu huwa jisħaq li l-kwestjoni waħdanija li teżisti bejnu u l-parti mħarrka tirrigwarda min huwa responsabbli jwettaq it-tibdiliet fil-parti li ħarġet difettuża;

Illi, minn dawn iċ-ċirkostanzi biss, il-Qorti ma jitħallielha l-ebda dubju li l-attur ressaq azzjoni fuq il-garanzija marbuta mal-bejgħ u mhux azzjoni ta' inadempiment kuntrattwali kif maħsub f'band'oħra fil-liġi[8];

Illi l-Qorti għalhekk sejra tqis x'qiegħed jintalab bl-azzjoni attriċi kif imfassla. L-ewwel talba hija dikjarazzjoni li l-karozza mibjugħa lill-attur kienet milquta b'difett mistur li jagħmilha mhux tajba għall-użu li għaliha nxtrat minnu, u li hu sar jaf bih snin wara. It-tieni talba hija l-kundanna tal-kumpannija mħarrka li tibdel il-parti li l-attur iqis li hija difettuża. It-tielet talba trid li l-attur jitħalla jieħu l-karozza tiegħu biex isir fuqha x-xogħol tal-bdil tal-parti bi spejjeż tal-imħarrka. Ir-raba' talba hija l-kundanna tal-imħarrka

---

[7] Ara P.A. **6.12.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Axisa vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1198**) li hija sentenza fl-ambitu tal-azzjoni mnissla minn difett redibitorju

[8] Art. 1390 tal-Kap 16

għar-risarċiment tad-danni. T-tieni u t-tielet talbiet attriċi huma marbutin sfiq ma' u jiddependu fuq l-ewwel talba. Ir-raba' talba hija talba għad-danni, imnisslin mill-addebiti mitfugħa fuq il-kumpannija mħarrka fl-ewwel u t-tieni talbiet. Ma saret l-ebda talba għall-ħlas lura tal-prezz u lanqas għat-tnaqqis tal-prezz. Billi l-azzjoni attriċi tidher li hija msejsa fuq il-kawżali tad-difett moħbi, ma tistax titqies ħaġ'oħra għajr waħda redibitorja jew kif ukoll magħrufa bħala "azzjoni edilizja"[9];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-attur ressaq azzjoni li ma taqbilx ma' rimedju mħares mil-liġi. Ladarba huwa għażel li jsejjes l-azzjoni tiegħu fuq id-difett mistur, ried jitlob ir-rimedji li l-liġi tagħti lix-xerrej fl-artikolu 1427 tal-Kap 16. Dan ir-rimedju ma talbu mkien: lanqas jista' jingħad li talbu fl-ewwel talba, għaliex is-sempliċi dikjarazzjoni li l-karozza kienet milquta minn difett mistur ma twassal imkien ħlief għal sempliċi dikjarazzjoni li ma hix segwita b'talba minn dawk maħsuba speċifikatament mil-liġi. L-artikolu 1427 jagħti l-għażla lill-attur, mhux lill-Qorti;

Illi dwar dan, il-Qorti jkollha tgħid li ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-attur fis-sens li l-kliem "jista' jagħżel" fl-artikolu 1427 jikkwalifikaw ukoll għamliet oħrajn ta' azzjoni li jinkludu azzjoni għad-danni b'żieda ma' l-azzjonijiet redibitorja jew estimatorja. L-għażla mogħtija mil-liġi lix-xerrej (li jogħġbu jmexxi fuq il-kawżali tal-garanzija għad-difett mistur) hija biss bejn waħda jew l-oħra. Hawnhekk, il-Qorti għandha l-fehma li taqbel għal kollox ma' dik il-linja ta' deċiżjonijiet studjati li jagħtu r-rimedju tal-azzjonijiet speċifiċi msemmija fl-artikolu 1427 bħala rimedju partikolari li jeżula mill-prinċipji ġenerali tal-kuntratt tal-bejgħ[10], u li jeskludu kull rimedju ieħor li jista' jintalab;

Illi b'riferenza għall-argument motivat imressaq mill-attur b'riferenzi ċari ta' awturi barranin dwar għażla ta' azzjonijiet oħrajn miftuħa lix-xerrej minbarra jew b'żieda

[9] Ara P.A. **10.6.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.955**)

[10] App. **19.4.1940** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Vella*** (Kollez. Vol: **XXX.i.523**); P.A. **16.1.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Xerri et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.855**) u Kumm. JF **10.12.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony McKay vs Alfred Cassar et*** (mhix pubblikata)

ma' l-azzjonijiet tal-garanzija għad-difett mistur, il-Qorti trid tosserva li dawk l-azzjonijiet imsemmija mill-attur[11] ma jinstiltux mill-azzjoni dwar il-garanzija, imma minn azzjonijiet *ad hoc* talvolta disponibbli lix-xerrej. Meta l-attur jagħżel bħala kawżali d-difett mistur, ma jistax iġemma' mal-azzjoni hekk imfassla talbiet oħrajn li m'humiex maħsuba għal azzjoni bħal dik. Dan huwa dak li ittenta jagħmel l-attur, u dan huwa li jwassal biex l-eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka titqies mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka, u tiddikjara li l-azzjoni tal-attur kif imfassla bħala waħda mhux proponibbli fil-liġi; u

**Teħles lill-kumpannija mħarrka** milli tibqa' fil-kawża, bi spejjeż għall-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[11] Ara Par 7 u 8 tan-Nota tiegħu f'paġġ. 27-8 tal-proċess